# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Illum It-Tnejn 19 t' Awwissu, 2024**

**Fl-Atti tal-Mandat ta' Arrest Kawtelatorju**

**Ta' Bċejjeċ ta' Baħar 'il fuq min għaxar (10) metri**

**Tul bin-numru 2037/23:**

**North by Northwest GmbH soċjeta' rreġistrata ġewwa l-Ġermanja kif irrapreżentata hawn Malta mill-Avukat Dottor Adrian Camilleri**

**Vs**

**Il-Bastiment "MSC Valencia" (IMO) Nru. 9301471**

Il-Qorti

Rat ir-rikors tal-Awtorita' għat-Trasport f'Malta datat 17 ta' Marzu, 2024 fejn sintetikament talbet illi l-bastiment intimat jiġi ordnat illi josserva kull obbligazzjoni tiegħu biex b'hekk ikun jiflaħ għall-baħar ukoll ili jkun kopert b'polza ta' assikurazzjoni.

Il-mandatarju speċjali tal-bastiment *de quo* laqgħet għal din it-talba billi fir-risposta tagħha datata 20 ta' Marzu, 2024 sostniet *inter alia* illi kien l-obbligu ta' l-Awtorita', u dan ai termini ta' l-artikolu 857 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, li *qua* kunsinnatarju kellha l-obbligi tal-liġi bħala depositarju ġudizzjarju għal kull oġġett li kien qiegħed fil-kustodja tiegħu.

Allura mir-risposta kien ċar lil mandatarju speċjali kien qiegħed jitfa' fuq l-Awtorita' rikorrenti kważi kull piż li hu suppost mistrieħ fuq il-*bareboat charterers* tal-vapur de quo.

L-istess mandatarju speċjali ressqet ukoll rikors datat 20 ta' Marzu, 2024 fejn talbet illi l-Awtorita' tiġi mġiegħla taderixxi ma l-obbligi tagħha emanenti mill-artikolu 857 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta u taċċerta **hi** l-preservazzjoni tal-bastiment *de quo* u s-sigurtà' tal-membri tal-ekwipaġġ.

Illi l-Awtorita' wieġbet għal din it-talba[1] billi rriferiet għal digriet ta' din il-Qorti diversament preseduta[2] fejn ġia kienet milqugħa talba simili magħmula minnha u fejn il-Qorti qalet illi;

-Il-bastiment *de quo* kellu jonora l-obbligi kollha tiegħu b'mod immedjat, ukoll li jieħu dawk il-passi meħtieġa sabiex il-bastiment jibqa' jiflaħ għall-baħar u jieħu dawk il-passi kollha possibbli biex dan ikun kopert b'polza ta'assikurazzjoni.

Ukoll

-Illi wara li kienet qed tiċħad it-talbiet tal-mandatarju speċjali, issoleċitat lil Awtorita' li taderixxi mal-obbligi statutorji tagħha.

Rat il-multitudni ta' atti u dokumenti li ġew preżentati miż-żewġ partijiet.

[1] 8 ta' April, 2024
[2] Fl-atti ta' mandat ta' arrest 172/24 (MSC) Bilboa u 173/24 (MSC Valencia).

Qieset.

Illi irriżulta ukoll illi il-bastiment *de quo* huwa milqut minn sanzjonijiet Internazzjonali u Ewropew invista li jolqot ġid jew interessi Russi. Ukoll li kien l-istess bastiment li kien talab li jidħol fl-ibħra Maltin nonostante li kien jaf b'dan ir-riskju.

Kien minħabba f'hekk lil Qorti ordnat li jinstema' membru tas-*Sanctions Monitoring Board.*

Ikkunsidrat.

Bla tlaqliq tgħid illi jirriżulta minn kull risposta, trattazzjoni, f'emails u korrispondenzi mibgħuta, illi l-bastiment *de quo* kien qed jsib diffikulta', jekk mhux ukoll juża' dawn is-sanzjonijiet, biex jinħarbu l-obbligi tal-Bareboat Charterers versu l-bastiment u l-ekwipaġġ tiegħu.

Tant li Dr. Alessia Carbone fix-xhieda tagħha kienet għal kollox kompjaċenti biex l-istess Board jgħin biex jiġu *lifted* ċertu minn dawn is-sanzjonijiet biex il-Bareboat Charterers jew sidien ta' l-istess bastiment jaderixxu mal-obbligi imsemmija tagħhom.

Jingħad ukoll li ripetutament kien hemm battibek bejn din ix-xhud u l-mandatarju speċjali dwar l-applikazzjoni mhux kompluta sottomessa għal din id-deroga u x-xhud tas-soluzzjonijiet biex tgħin is-sitwazzjoni tal-bastiment, dejjem fil-parametri ta' dak li jista' jiġi konċess mill-Bord imsemmi.

Tfakkar ukoll il-Qorti li jidher li l-arranġament mal-Bareboat Charterers kien għadu in operat, għalkemm spiċċut dan, xorta jibqa' l-obbligi imsemmi fuq sidien il-bastiment, li żgur ma jistax jitħalla għal riħu.

Huwa opportun ukoll illi jiġi sew spjegat in-natura u l-obbligi ta' din l-entita', insibu hekk:

"Bareboat Charter (also known as Demise Charter) : *An agreement between the registered or legal owner of a ship (or a person who has bareboat chartered the vessel from him and become the* ***disponent owner****) and the bareboat charterer, pursuant to which the owner transfers (demises) to the bareboat charterer possession of the ship and the right to trade it as he chooses for a specified period, on terms that the bareboat charterer will pay the bareboat charter hire ...,* ***maintain and insure the ship and indemnify the owner against liabilities incurred by the ship.*** *The contract is effectively a "dry lease" under which the bareboat charterer will employ the crew and be responsible for all Technical Operationand Commercial Operation and Management expenses. Unlike time charters, bareboat charters contain no offhire provisions: hire is payable "come Hell or High Water". - LEGAL AND ECONOMICANALYSIS OF TRAMP MARITIME SERVICES ANNEX 2 GLOSSARY OF LEGAL DEFINITIONS* - https://ec.europa.eu/competition/sectors/transport/reports/tramp_annex2.pdf ."[3]

Daqstant ieħor u għalhekk huwa ċar għall-Qorti lill-bastiment kif rappreżentat huwa erroneju meta jipprova jitfa' ir-responsabiltajiet kollha fuq l-Awtorita' għax bħala kunnsinatraju hija obbligata għal preservazzjoni ta' l-oġġett li jservi għal kawtela. Ma taqbilx il-Qorti mat-teżi ta' l-intimati li ma din l-obbligazzjoni hemm marbuta l-obbligi kollha l-oħra li jolqtu il-bastiment u l-ekwipaġġ.

Il-Qorti isib ukoll konfort fid-diġrieti mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fejn sabet lir-responsabilta' ta' spejjeż konsistenti fil-bunker, l-insurance, opex (bare essentials), crew u spejjeż marbuta ma operabilta' tal-bastiment, kellhom jibqgħu a karigu u responsabiltà' tas-sidien jew noleġġaturi tal-bastiment *de quo*. ( Digriet per Imħallef Aaron Bugeja 4 ta' Marzu, 2024 fl-atti tal-mandat ta' bċejjeċ ta' baħar 'il fuq minn għaxar metri bin-numru 172/2024).

Ta' l-istess natura kien digriet ieħor ta' l-istess Qorti, issa datat 27 ta' Marzu, 2024 ukoll fl-istess mandat, fejn il-bastiment ġie ordnat jaderixxi mal-obbligi kollha tiegħu sabiex jibqa' jiflaħ għall-baħar u jieħu l-passi biex ikunu kopert bil-polza ta' assigurazzjoni.

---

[3] **L-Avukat Dr. Joseph Camilleri(I.D. 384279M) bhala mandatarjuspecjali ghan-nom u in rapprezentanzatas-socjeta` estera Portugiza Vlagens Abreu S.A. vs. (1) Pullmantur Cruises Ship Management Ltd.(C-38532) (2) RCL Soverign LLC, socjeta` tal-Liberja, Deċiża 24 TA' MARZU 2022 Rik. Gur. 709/2020 RGM**

Hija l-fehma ta' din il-Qorti lil bastiment konċernat kif rappreżentat, kemm mill-mandatarji, sidien u/jew barebaoat charterers qiegħed jagħmel minn kollox biex jaħrab mill-obbligi tiegħu u jrid jitfa' piż mhux legalment dovut fuq l-Awtorità' li tidher li marret *out of her way* biex tgħin f'dan l-*impasse.*

Lanqas ma tiswa d-dikjarazzjoni redatta minn avukat barrani dwar id-diffukulta' tas-sanzjonijiet. Se mai prova ta' liġi barranija trid isir bħal kwalunkwe prova oħra ta' fatt, b'xhieda apposita suġġetta għal kontro eżami. Oltre hekk il-Qorti kellha l-komfort ta' avukat, ix-xhud ġia msemmi, li spjegat sew kif setgħet tiġi solvuta l-problema tal-bastiment biex jottjeni id-deroga meħtieġa biex ikun jista' jottempera ma kull obbligu TIEGĦU li jolqtuh skont il-liġi.

**Tfakkar ukoll, li dan id-digriet hu ordni ta' Qorti, li jaf iġib miegħu konsegwenzi serji jekk ma jiġix obdut.**

Konsegwentement qegħda fil-waqt li tiċħad kull talba mressqa mill-bastiment de quo kif rappreżentat, tilqa' għal kollox it-talbiet tal-Awtorità' għat-Trasport f'Malta u tordna lil bastiment li fi żmien qasir ta' mhux aktar minn tnax-il ġimgħa mil-lum jassigura li jieħu l-passi kollha meħtieġa biex jibqa' jiflaħ għall-baħar, ukoll li jkun kopert b'polza adegwata ta' assikurazzjoni.

**Bi spejjeż ta' din l-istanza għal istess bastiment.**

**Onor. Miriam Hayman LL.D.**
**Imħallef**

**Rita Falzon**
**Dep Reġ.**